SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 11/K8/16**

**Laqgħa numru 11 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 08/01/16** **389**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 11.01 Introduzzjoni

**11.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016.

**11.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Iskrivana | CCF | Preżenti |

**11.01.03** Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur tal-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

**11.01.04** Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

**11.01.05** Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

**11.01.06** Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

**11.01.07** Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-30 ta' Diċembru 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Budget 2016
4. Laqgħa Annwali
5. Għoti ta' Tender - *The Leasing of a Light Duty Vehicle with Low Emmissions.*
6. Attivitajiet Kulturali
7. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen.
8. Update tal-proġetti.
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
11. Aġġornament tal-Laqgħa.

## 11.1 Approvazzjoni ta' Minuti

**11.1.01** Is-Sindku ressaq il-Minuti 10/K8/15 għall-approvazzjoni.

**11.1.02** Saret korrezzjoni biex f' Minuti 10/K8/15 – 10.2.04 jiżdiedu l-kliem biex issir *submission* ukoll lill-MEPA.

**11.1.03** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ppropona l-approvazzjoni tagħhom

**11.1.04** Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

**11.1.05** Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

11.1.2.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 15/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

**11.2. Korrispondenza**

11.2.01 Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

11.2.02 **Rif Nru. 7506**

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar it-terminazzjoni ta' permess ta' mwejjed u siġġijjiet quddiem 135, Le Onde.

11.2.03 **Rif Nru. 7530 & 7540**

Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar *EDIC photo competition.* Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din l-materja titpoġġa man-*notice boards*.

11.2.04 **Rif Nru. 60**

Il-Kunsill gie nfurmat bir-risposta li ser tintbagħat fir-rigward *Memo* mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar ir-Rapport tal-Uffiċċju tal-Verifika (NAO) 2014. (Ittra annessa).

11.2.05 **Rif Nru. 72**

Saret riferenza għall-email mingħand is-Sindku ta' Pisa fir-rigward il-ġemellaġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tinbagħat ittra ta' ringrazzjament kif ukoll li l-Kunsill lest li jiltaqa' maggħhom.

11.2.06 **Rif. Nru. 132**

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mingħand *European Cities Against Drugs* rigward konferenza li ser isir ġewwa Stavanger, Norway. Il-Kunsill iddeċida li ma jipparteċipax.

**11.2.07 Rif Nru. 136**

Saret riferenza għall-email mingħand Emi Farrugia dwar il-programm Mad-Daqqa t' Għajn. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jiltaqa' magħhom.

## 11.3 Budget 2016

**11.3.01** Il-Kunsill ġie pprezenta bil-Budget għas-sena 2016. (Ara Appendiċi 'B')

**11.3.02** Iċ-Ċermen flimkien mas-Segretarju Eżekkutiv taw spjegazzjoni tal-Budget għas-sena 2016.

**11.3.03** Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament mal-Budget għas-sena 2016.

## 11.4 Laqgħa Annwali

**11.4.01** Il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fis-6.00p.m. ġewwa l-iskola ta' San Ġiljan. Għaldaqstant għandu jintalab permess lill-iskola jekk hemmx oġġezzjoni li ssir hemmhekk, filwaqt li tintbagħat ittra lir-residenti kollha bid-data tal-Laqgħa Annwali kif ukoll li wara ser issir bibita' żgħira

## 11.5 Għoti ta' Tender – The Leasing of a Light Duty Vehicle with Low Emmissions.

**11.5.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-offerta ta' l-E.M. Bonnici & Sons Ltd. Din kienet l-unika offerta li l-Kunsill irċieva. (Ara Appendici 'Ċ')

**11.5.02** Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta ta' l-E.M. Bonnici & Sons Ltd.

## 11.6 Attivitajiet Kulturali

**11.6.01** Ġie deċiż li ma jerġax jinħareġ it-*tender* dwar koordinazzjoni tal-attivitajiet kulturali. Dan għaliex l-Kunsill kien ser jibda jikoordina l-attivitajiet hu flimkien ma' l-Għaqdiet tal-lokalita' u meta jkun hemm bżonn jinvolvi koordinazzjoni barra mill-Kunsill. Is-Segretarju kien ser jibda jorganiżża laqgħa ta' ppjanar għall-attivita' Festa ta' Lapsi 2016.

**11.6.02** Dwar l-attivita' tal-Karnival 2016 din ser tigi koordinata mill-Leon Promotions pero l-Kunsill irid jinsisti li s-sehem tal-Baned Lokali jkun aktar koordinat.

## 11.7 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

**11.7.02** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li qed isiru taħdidiet mal-*Cleansing Derpartment* sabiex dawn jieħdu l-immaniġjar tal-Latrini Pubbliċi fil-lokal. Dan jinkludi tiswijiet meħtieġa.

**11.7.03** **Green Pak u Green Mt** – Wara l-aħħar laqgħa li saret tal-Kunsill, il-Kunsill kellu jiltaqa' mal-Green Pak u l-*meeting* sar. Mandakinhar, illum waslet l-*counter offer* min-naħa tal-Green Pak. Il-Ġimgħa d-dieħla ser jerġa jsir *meeting* mal-Green Pak u wara għandha tittieħed id-deċiżjoni finali.

**11.7.04** Il-Kunsill ġie nfurmat li s-siġar ta' madwar il-promade tlestew. Dawn saru b' kollaborazzjoni mal-MTA u l-ELC.

11.7.05 Il-Kunsill iddeċieda li t-Triq Ġdida fi Triq il-Baħar l-Iswed tiġi msemmija għal Dun Amabile Bonnano. Għaldaqstant għandhom jiġu nfurmati l-*Street Naming Committee.*

## 11.8 Update tal-Proġetti

**11.8.01** L-ideas tal-Proġett li ser isir fit-taraġ ta' Triq Scicluna jagħalqu nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016.

**11.8.02** Fir-rigward il-Ground ta' Ta' Giorni, għadna qed nistennew risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fuq l-estenzjoni tal-Leasing Terms. L-Uffiċċju ta' Dr. Bountempo qegħdin

jassistu lill-Kunsill sabiex din l-approvazzjoni min-naħa tad-Dipartiment ta' l-Artijiet tinħareġ mill-aktar fis possibli.

**11.8.03** Ma kienx għad hemm appuntament min-naħa ta l-Uffiċċju ta' l-Onor. Justyne Caruana. Il-Kunsill qabel li jekk dan l-appuntament jibqa' ma jsirx, tintbagħat ittra lill-Onor. Dr. Michael Farrugia bhala l-Ministru li taħtu jaqa' is-settur ta' l-anzjani.

**11.8.04** **Bajja tal-Balluta** – Saret laqgħa flimkien mal-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jibda l-istudju min-naħa tagħhom dwar *re-plenishment* permess ta' ramel. Ser jittieħdu kampjuni tar-ramel li hemm barra l-bajja sabiex jiġi studjat jekk hux possibli dan ir-ramel jintuża għal *re-plenishment* tal-bajja. L-Awtorita' tat-Turiżmu ser tibda wkoll ix-xogħol fuq ir-restawr tat-taraġ / ħitan bejn il-Pitch tan-Neptunes u l-Piccolo Padre.

**11.8.06** **CCTV's Cameras –** fil-ġimgħat li ġejjien ser jibdew jiġu nstallati c-CCTV's Cameras mal-Bring in sites tal-Lokalita'.

**11.8.07** **Advertising Bollards madwar il-Lokalita' –** Il-Kunsill qabel unanimament li ser tintbagħat ittra lilll-kuntratturi li baqgħu ma ħalsux l-advertising bollards fil-lokalita', fejn il-Kunsill ser ikun qiegħed jagħtihom ġimgħa cans mid-data ta' l-ittra, sabiex jirregolarizzaw ruħhom fil-pagamenti pendenti ta' qabel it-2015. F'każ li dawn il-kuntratturi ma jagħmlu l-ebda pagament, il-Kunsill ser ikun qiegħed jaqla' dawn l-advertising bollards għas-spejjeż tagħhom.

## 11.9 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**11.9.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

**11.9.02** Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

**11.9.03** Il-Kunsillier Adrain Domenic Ellul ssekondah.

## 11.10 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**11.10.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3872 sa’ Nru. 3883 (Ara Appendiċi ‘E’).

**11.10.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3872 sa’ Nru. 3883.

## 11.11 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**11.11.01** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 17 ta’ Frar 2016 fl-5.00p.m.

**11.11.02** Għandha tintbagħat ittra lis-Sur Adrain Busutill, sabiex jawgura għall-kisba tiegħu fit-tielet post fir-rigward l-esebizzjoni tal-presepju tiegħu.

**11.11.03** Fir-rigward il-kwotazzjoni tal-web design u web hosting, il-Kunsill iddeċieda li s-Sindku u s-Segretarju ser jevaljaw aktar fid-dettal il-kwotazzjojijiet mibgħuta. (Ara Appendiċi ‘F’)

**11.11.04** Il-Kunsill gie nfurmat li fir-rigward il-kwotazzjoni tat-tindif ta’ l-Ufficcju tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda biss li hija tat-TF Services Ltd. (Ara Appendiċi ‘Ġ’). Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-kwotazzjoni tat-TF Services Ltd.

**11.11.05** Fil-laqgħa li jmiss għandha titella’ bħala item Ġieħ San Ġiljan.

**11.11.06** Iċ-Ċermen talab li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata l-*full performance bonus*. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-membri kollha.

**11.11.07** L-ikla ser issir nhar il-Ħamis 7 ta’ Jannar 2016 fis-7.30p.m. ġewwa l-Buffalo Bill’s.

**11.11.08** Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kien talab parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill sabiex jiġi ppublikat l-avviż dwar l-għarmar tal-kiosks fil-Festa ta’ San Ġiljan. Il-Kunsill ikkonferma li ser jimxi mad-deċiżjoni li kienet ittieħdet qabel l-Festa ta’ San Ġiljan 2015.

**11.11.09** Il-laqgħa ntemmet fis-7.05p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |